MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 21/2007/1

**Wara r-rikors elettorali numru 11/2006 PC**
**Deciz fil-31 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet:**

**Henri Darmanin**

**v.**

**Joseph Cassar u l-Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' appell ta' Henri Darmanin tas-7 ta' Frar 2007 mid-decizjoni ta' l-Ufficjal Revizur (Magistrat Dott. Paul Coppini) tal-31 ta' Jannar 2007 li giet traskritta hekk:

"L-Ufficjal Revizur,

Billi r-rikorrenti, Henri Darmanin debitament notifikat u msejjah tlett darbiet ma deherx,

Il-Qorti,
Tichad it-talba.”;

Rat ir-risposta ta’ Joseph Cassar prezentata fis-16 ta’ Frar, 2007;

Semghet lid-difensuri kollha tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; semghet ukoll bil-gurament lill-Avukat Dott. Chris Said;

Ikkunsidrat:

Illi mid-deposizzjoni mhux kontradetta ta’ Dott. Chris Said jirrizulta li fl-udjenza tal-31 ta’ Jannar 2007 l-istess Dott. Said kien prezenti fl-awla sabiex jippatrocinja lir-rikorrent Henri Darmanin, appellant f’din l-istanza.  Kienet prezenti wkoll Dott. Justyne Caruana li, seduta stante, issollevat l-eccezzjoni li galadarba r-rikorrent Henri Darmanin ma kienx prezenti personalment fl-awla, ir-rikors tieghu kellu jigi michud bhalma kien sar precedentement fid-9 ta’ Frar 2004 mill-istess Ufficjal Revizur f’diversi rikorsi li kienu nstemghu f’dik il-gurnata;

Apparti l-fatt li d-decizjoni tad-9 ta’ Frar 2004 ma taghmilx stat fil-konfront tal-proceduri odjerni, l-Ufficjal Revizur ma kienx korrett meta laqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-imsemmija Dott. Caruana u cahad it-talba tar-rikorrent semplicement fuq il-motiv li r-rikorrent ma kienx personalment prezenti fl-awla.  Hu evidenti li l-Artikolu 41(1) tal-Kap. 354, citat mill-persuna appellata, ma jirrikjedix li r-rikorrent jinstema’ personalment (u cioe` billi jkun personalment prezenti fl-awla); dak li tirrikjedi din id-disposizzjoni hu li l-Ufficjal Revizur jaghti smigh xieraq lill-partijiet kollha, inkluza l-Kummissjoni Elettorali.  Kien ikun differenti li kieku r-rikorrent Darmanin la deher fil-31 ta’ Jannar 2007 u anqas deher l-avukat tieghu, ghax f’dik l-ipotesi kienet tiskatta d-disposizzjoni tas-subartikolu (7) ta’ l-Art. 13 ta’ l-istess Kapitolu u l-applikazzjoni titqies bhala mitluqa.  Fil-kaz odjern, l-Ufficjal Revizur mhux iddikjara l-applikazzjoni bhala mitluqa (li ma setax jaghmilha billi kien

prezenti l-avukat ta’ Darmanin) izda cahad it-talba li, kif inghad, ma setax jichadha fuq is-semplici motiv li ma kienx deher personalment ir-rikorrent. Ghalhekk hemm lok li l-appell jintlaqa’.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka d-decizjoni ta’ l-Ufficjal Revizur tal-31 ta’ Jannar 2007, u terga’ tqieghed lill-partijiet kollha fl-istess posizzjoni li kienu fiha qabel ma nghatat id-decizjoni appellata. Tordna li l-atti jintbaghtu minnufih lura lill-Ufficjal Revizur fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) biex ikompli jisma’ r-rikors ta’ Henri Darmanin skond il-ligi. Fic-cirkostanzi spejjez, jekk hemm, jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------